MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 939/2005

**APS Bank Limited (C 2192)**
**Vs**
**Multichem International Limited (C 19775)**
**Pierre Calleja (ID 60668M)**
**Josephine Vella (ID 212253M)**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-bank attur fis-6 ta' Ottubru, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elf disa mija u sitta u disghin (1996) (Dok A) il-bank attur ta lis-socjeta konvenuta Multichem International Limited facilita ta' 'overdraft' sas-somma ta' hamest elef liri Maltin (LM5,000) taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha stipulati fl-istess kuntratt;

Illi z-zewg konvenuti l-ohra u cioe' Pierre Calleja u Josephine Vella, biex jiggarantixxu ahjar il-hlas lura ta' l-imsemmija facilita bankarja, kienu ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta Multichem International Limited favur is-socjeta' attrici ghall-ammont ta' hamest elef lira Maltin (LM 5,000) u kif ghall-imghaxijiet u spejjes relattivi u dana kif jirrizulta mill-annessa garanzija iffirmata mill-istess Pierre Calleja u Josephine Vella (Dok B);

Illi l-bilanc ta' debitu dovut illum skond l-imsemmija facilita bankarja jammonta ghas-somma ta' ghaxar telef disgha mija tnejn u ghoxrin liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM 10,922.81) dovut kwantu ghas-somma ta' disgha telef hames mija u disgha u erbghin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (LM 9,549.53) bhala bilanc ta' debitu ta' "kont kurrenti" numru 11428730016 (Dok C) u kwantu ghas-somma ta' elf tlett mija u tlieta u sebghin liri maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM1,373.28) bhala bilanc ta' debitu ta' 'kont kurrenti' numru 20000138143 (Dok D) u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju 2005 sad-data tal-hlas effettiv;

Illi l-konvenuti kollha gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-imsemmi debitu, anke permezz ta' ittra ufficjali, izda baqghu inadempjenti;

Talab lill-konvenuti kollha jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti kollha, in solidum bejniethom, huma debituri tas-socjeta' attrici tas-somma ta' ghaxar telef disgha mija tnejn u ghoxrin liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM10,922.81) dovuta kwantu ghas-somma ta' disgha telef hames mija u disgha u erbghin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (LM9,549.53) bhala bilanc ta' debitu ta' "kont kurrenti" numru 11428730016 (Doc C) u kwantu ghas-somma ta' elf tlett mija u tlieta u sebghin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM 1,373.28) bhala bilanc ta' debitu ta' 'kont kurrenti' numru 20000138143 (Dok D) u dana oltre l-

interessi ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju 2005 sad-data tal-hlas effettiv;
2. Tikkundanna lill-konvenuti kollha, in solidum bejniethom, ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' ghaxar telef disgha mija tnejn u ghoxrin liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM 10,922.81);

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti kollha 'in solidum' bejniethom inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru, prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti kollha 'in solidum' millum ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-Bank attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xiehda ta' Norbert Bartolo prodott mill-Bank attur;

Semghet l-Avukat ta' l-Bank attur;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-Bank attur kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenuti kollha 'in solidum'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------